**Traskrizzjonijiet Operistiċi**
**Fl-Arkivju tal-Banda 12th May**




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Ftit ħafna huma dawk il-każini tal-banda li m'għandhomx xi tip t'arkivju artistiku b'xogħlijiet ta' surmastrijiet Maltin u barranin maħżunin b'għożża fihom. Aktarx kull banda ssibilha xogħlijiet ta' dawk is-surmastrijiet li minn żmien għal ieħor ikunu ddiriġewha u ħallewlhomlha bħala rigal. Dawn jistgħu jvarjaw minn innijiet kbar sa marċi brijużi. Xi baned sfortunatament kienu tilfu parti sostanzjali mill-arkivju tagħhom wara li l-każin tagħhom spiċċa ġġarraf fi żmien il-Gwerra, bil-partituri jintilfu darba għal dejjem. Hemm oħrajn imbagħad, li tteħditilhom xi mużika minn ġo fihom bla permess, jew ġew neqsin sforz it-traskuraġni min-naħa ta' min suppost kien inkarigat li jieħu ħsiebhom. Fortunatament, illum il-ġurnata, is-soċjetajiet mużikali, qodma u ġodda, huma kollha konxji ta' dan il-patrimonju imprezzabbli fi ħdanhom, u li jifforma parti integrali min-nisġa ta' ġrajjiethom. Xogħol l-arkivista huwa għalhekk, li jara li dawn jinżammu fi stat tajjeb u maqfulin taħt ċavetta, u jinħarġu biss għal biex jindaqqu waqt xi programm sabiħ fuq il-planċier waqt xi programm annwali jew okkażjoni kommemorattiva oħra.

Kliem muftieħ: Ħaż-Żebbuġ, San Filippu t'Aġġira, Arkivju mużikali, Mro. Emmanuele Bartoli, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, 12th May Band and Social Club (Żebbuġ)

Fost il-ħafna baned Maltin u Għawdxin li għandhom l-arkivju tagħhom, insibu dik Żebbuġija tat-12th May – banda pjuttost ġdida meta mqabbla m'oħrajn qodma li twaqqfu fit-tieni nofs tas-seklu 19 jew bidu tas-seklu l-ieħor. Għaldaqstant, wieħed jassumi li l-arkivju tagħhom għadu fi tfulitu. Reċentament, dal-arkivju għadu kif akkwista sett traskrizzjonijiet operistiċi ta' Mro Emmanuele Bartoli (1852-1933). Iżda qabelxejn, tajjeb ngħidu li l-arkivju li hemm f'dan il-każin kien ġie ddisinjat minn Carmelo Chircop u kien tħallas mid-dilettanti tan-nar tal-istess Soċjetà. Dan l-arkivju kien inħadem il-Birgu u ġie inawgurat nhar it-13 ta' Ġunju, tal-1990 mill-ex-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, Mons. Lawrenz Cachia – studjuż tal-ilsien Malti. Skont Caruana[1] dan l-arkivju huwa mgħoni bl-aqwa xogħlijiet mużikali. Fost dawn isemmi l-innu-marċ *It-12 ta' Mejju 1962*, magħruf aħjar bħala *Rega' Wasal il-Jum*, jonkella sempliċiment bħala il-*Letter A*, tas-surmast Amante Attard (1926-83) – missier il-banda msemmija. Jgħarrafna wkoll li hemm xogħlijiet mużikali ta' Maltin u Żebbuġin, fosthom ta' Mro Adeodato Gatt (1898-1966) u ibnu, Philip Gatt (1927-95).

[1] Alfred Caruana (PRO tas-Soċjetà): 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex' (Vol. I), p.144.



Mro Emmanuele Bartoli, l-awtur ta' sett ta' seba' traskrizzjonijiet għall-banda

Skont Robert Mifsud Bonnici [RMB] fil-ktieb tiegħu *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u Tal-Lum* (1951), Emmanuele twieled l-Imdina[2] fit-13 ta' Frar 1852[3] minn Wiġi Bartoli u Ċensa Zerafa. Studja l-armonija u l-pjanu għand il-patri Agostinjan, Giuseppi Spiteri Fremond (1804-78), u l-vjolin għand Ġużeppi Micallef. Skont Rolandi wkoll, Emmanuele kien joqgħod '*nel Convento di San Agostino in Valletta*'. Ta' 19-il sena kien idderieġa l-orkestra f'quddiesa solenni mill-pinna tiegħu stess f'Ħal Qormi. Sena wara laħaq surmast tal-banda 'Pinto' (Ħal Qormi) u aktar tard tal-'L'Isle Adam' (Rabat). Bejn l-1877-84 kien surmast tal-banda 'La Valette', it-tieni wieħed wara Mro Luigi Carabott. Fl-1923 insibuh jidderieġi l-banda 'Leone' t'Għawdex fl-assenza tas-surmast sakemm inħatar Mro Giovanni Giumarra (1862-1936) minflok Mro Orlando Crescimanno (1861-1923). Fl-istess żmien kien ukoll aġent-surmast tal-banda 'La Stella' t'Għawdex.

Is-surmast Bartoli kiteb ħafna xogħlijiet sagri u profani, u diversi arranġamenti operistiċi għall-banda. Fost l-ewwel xogħlijiet tiegħu nsibu *Amore* li ndaqqet fit-Teatru Rjal fit-13 ta' Frar 1873. Bartoli qatt ma tbiegħed minn art twelidu ħlief għal darba biss meta mar Londra biex qagħad għal eżami u kiseb il-post ta' *Bandmaster* fir-riġment tar-*Royal Malta Artillery*[4] flok Mro Domenico Amore (1808-94) li kien ħareġ bil-pensjoni. Għal żmien twil kien ukoll *Maestro di Coro* u *Maestro Concertatore* tat-Teatru Rjal fejn kemm-il darba ntalab jidderieġi xi opra bla provi minn qabel. Wara li spiċċa mis-servizz, Bartoli taha għall-kant fil-knejjes bħala Tenur u kien jagħti l-għajnuna tiegħu lill-*maestri di cappella* fil-qadi tas-servizzi tagħhom, u anke lill-kantanti, u kien saħansitra jidderieġi servizzi sħaħ. Jingħad li bħala karattru kien bniedem umli, kwiet, paċenzjuż u kalm. Kien miżżewweġ u kellu iben li jġib ismu li mbagħad laħaq maġistrat. Miet fit-2 t'April 1933.[5]




Frontispizju ta' waħda mit-traskrizzjonijiet li daħlu reċentament fl-arkivju tal-Banda

It-tabella t'hawn taħt tinkludi lista mdaqqsa, iżda bl-ebda mod eżawrita, ta' wħud mix-xogħlijiet ta' Bartoli; dawk immarkat bil-kulur huma t-traskrizzjonijiet operistiċi l-ġodda li semmejna hawn fuq li għadu kif akkwista l-arkivju mużikali tal-Banda 12th May. Fl-ewwel kolonna għandkom issibu d-data ta' meta nkiteb ix-xogħol, filwaqt li fit-tieni waħda niżżilt isem ix-xogħol b'xi tagħrif magħhom. Fit-tielet u r-raba' kolonna rispettivament, qed nindika x'tip ta' xogħol hu u l-post fejn indaqq għall-ewwel darba, jew għal liema okkażjoni. Naturalment, il-lista tinkludi, kemm xogħlijiet bandistiċi, kif ukoll orkestrali. Lista bil-wisq aktar eżawrita minn tiegħi hija dik li nsibu fil-blog personali *Historical Research Sharing Activity* maħluqa minn Vince Peresso fid-19 t'April, 2020 li huwa ġabar matul is-snin waqt li kien qed iqalleb numru ta' gazzetti ppubblikati f'Malta, fejn anki hu jistqarr li din mhix waħda eżawrita peress li Bartoli kien kompożitur prolifiku.

| Data | Isem tax-xogħol | Ġeneru | Post |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1871 | Quddiesa Solenni | | Ħal Qormi |

---

[2] Dr Ulderico Rolandi (1874-1951) fil-monografija tiegħu *Musica e Musicisti in Malta: Saggio* (Livorno, 1932) jgħid li twieled *Casal Curmi*.

[3] Skont Rolandi, Bartoli twieled sena wara. Ciarlò jaqbel ma' RMB. Ngħid għalija naqbel ma' dawn tal-aħħar.

[4] *Regia Artiglieria maltese* (Rolandi).

[5] RMB jgħid li miet fl-1932.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Marcia Funebre[6] | | |
| 1872.2.13[7] | Amore[8] | Scena ed Aria | Teatru Rjal |
| 1875 | La Brillante[9] | Sinfonia | |
| | Simonetta[10] | Opra f'2 Atti | |
| 1875.7.16 | La Sengle[11] | Valzer | |
| 1877.5.24 | Inno con canto di voci puerili[12] | Innu Kbir | |
| 1878 | Innu f'ġieħ San Pawl[13] | Innu | Teatru Manoel |
| 1881[14] | Innu f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu | Innu | |
| 1882[15] | 15 Settembre | Marċ | |
| 1882 Aww. | Les Braves Combattants | Sinfonia | Teatru Rjal |
| 1883[16] | Tel-el-Kebir | Marċ | |
| 1884[17] | The Swing | Valz | |
| 1886 | Leone[18] | Galopp | |
| 1890 | Norma (Bellini) | Fantasia | |
| 1894 | Faust (Gounod) | Selection | |
| 1898 | La Boheme, Atto 3$^{zo}$ (Puccini) | | |
| 1899 | L'Eco della Preghiera | Gran Corale | |
| 1901 | Midsummer Night's Dream (Mendelssohn) | Wedding March | |
| 1902 | Fausta Ricordanza | Intermezzo | Ġublew tal-Isqof |
| 1904 | Remembrance | Melodija | |
| 1915 | Messa in Onore del SS. Nome di Gesù | Mużika sagra | |
| 1918 | Messa S. Giuseppe a due Voci e Organo | Mużika sagra | |
| 1919 | Giorno Festivo (għall-banda) | Capriccio | |
| 1920.4.27 | Preludio No. 2[19] (għall-orkestra) | Preludju | |
| | The King's Banner | Sinfonia Grandiosa | |
| | Vittoria Melita | Polka | |
| | Overture I | Sinfonia | |
| | Lucia di Lammermoor (Donizetti) | | |
| | Faust (Gounod)[20] | Selection | |
| | Le Roi de Lahore (Massenet)[21] | Selection | |

[6] Arkivju Banda 'Leone' (Grech p.32).
[7] Rolandi wkoll jaqbel ma' din id-data. Skont Vella Bondin id-data kienet 23.2.1872.
[8] Din tkantat mis-Sopran Emilia Ciuti. Jidher li s-serata kienet ittellgħet fl-okkażjoni t'għeluq l-20 sena ħajja ta' Bartoli.
[9] Arkivju Banda 'La Stella' Għawdex. Din aktarx kienet għall-orkestra u sarilha arranġament għall-banda.
[10] Librett teatrali ta' Ġużè Muscat Azzopardi. Dil-opra spiċċat biex qatt ma ttellgħet. Skont RMB, kienet tingħata preferenza lil kompożituri barranin bħal Vincenzo Moscuzza (1827-96) u oħrajn.
[11] Indaqq f'programm mill-Banda 'La Valette' fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu (Ciarlò, p.14).
[12] Popolarment magħruf bħala 'Warda Sbejħa tal-Karmelu', versi bil-Malti ta' Dun Frans Camilleri (1919-90). Oriġinarjament, il-versi bit-Taljan kienu ta' Ġuzè Muscat Azzopardi (1853-1927). Jindaqq mill-Banda Żurriqija Karmelitana.
[13] Ciarlò, p.27.
[14] Ara artiklu 'Emmanuele Bartoli (1852-1933) – Il-Bniedem li Għex fil-Mużika' minn Noel D'Anastas, 'Leħen il-Komunità Ġużeppina tar-Rabat tal-Imdina', Festa [San Ġużepp] 1993, pp.43-5.
[15] D'Anastas.
[16] Idem.
[17] Idem.
[18] Indaqq waqt programm fil-festa ta' Sta Marija, Għawdex fit-13.8.1886 (Grech, p.40).
[19] R.M.B. isemmi li għandu żewġ preludji. It-tieni wieħed kitbu Għawdex.
[20] Tinkludi l-intermezz tat-tielet Att.
[21] Scena Coro, finale atto 1$^{mo.}$

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żebbuġin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Filippu t'Aġġira li ta' kull sena tiġi solennement iffestiġġjata f'beltu.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)